



2023/2504

10.11.2023

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2504**

**tad-9 ta' Novembru 2023**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-413/21 P (²), jenħtieġ li titħassar l-entrata ta' persuna elenkata.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (UE) 2016/44 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2023.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
N. CALVIÑO SANTAMARÍA*

(¹) ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

(²) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' April 2023, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea v Aisha Muammer Mohamed El-Qaddafi*, Kawża C-413/21 P, ECLI:EU:C:2023:306.

## ANNESS

Fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44 (Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)), il-Parti A (Persuni), titħassar l-entrata li ġejja:

“9. Isem: 1: AISHA 2: MUAMMAR MUHAMMED 3: ABU MINYAR 4: QADHAFI

Titlu: mhux disponibbli Deżinjazzjoni: mhux disponibbli Data tat-Twelid: 1 ta' Jannar 1978 Post tat-Twelid: Tripli, Libja Psewdonimu affidabbli: Aisha Muhammed Abdul Salam (Numru tal-Passaport tal-Libja: 215215) Psewdonimu inqas affidabbli: mhux disponibbli Ċittadinanza: mhux disponibbli Nru tal-Passaport: a) Oman numru 03824970; maħruġ fl-4 ta' Mejju 2014, maħruġ f'Muscat, Oman (Data ta' skadenza: 3 ta' Mejju 2024) b) Libja 428720 c) B/011641 Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 98606612 Indirizz: Is-Saltna tal-Oman (Status/post preżunt: Is-Saltna tal-Oman) Elenkat fi: 26 ta' Frar 2011 (emendi fil-11 ta' Novembru 2016, 26 ta' Settembru 2014, 21 ta' Marzu 2013, 2 ta' April 2012, 25 ta' Frar 2020) Informazzjoni oħra: Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5525815>”.

---